# Il-kultura tas-Salvatur f'Għawdex



minn Salvu Sammut

Ma naħsibx li nkun qed nesagera jekk ngħid li aħna ta' Ħal Lija nkunu ilna noħolmu ħafna qabel ma tasal il-festa.

Aħna s-Salvatur inħobbuh wisq. Anki l-kumplament ta' Malta u Għawdex ikunu qed jistennew din il-festa, jista' jkun forsi minħabba li hija l-unika festa li tirrappreżenta t-Trasfigurazzjoni tal-Mulej. Il-kultura tat-Trasfigurazzjoni fi knejjes oħra teżisti imma fi kwadri, artali jew kappelli żgħar. Is-sena l-oħra f'dan l-istess ktieb kont semmejt il-kappella antika li teżisti fiż-Żejtun, proprju kif inhu msejjaħ ir-raħal t'isfel. Din id-darba se nżomm l-istess suġġett u se mmorru sal-gżira ta' Għawdex, biex naraw kif u fejn teżisti l-kultura tat-Trasfigurazzjoni.

Il-ġisem u d-demm ta' Ġesù Salvatur, hekk hi magħrufa man-nies ta' l-Għasri, li hija l-festa titulari ta' dan il-post ċkejken. L-Għasri huwa biex ngħid hekk il-fessud tal-gżira Għawdxija peress li f'dik li hija popolazzjoni huwa l-iżgħar wieħed. Jinsab fit-Tramuntana ta' Għawdex u hu daqs 2.75 kilometri 'l bogħod mill-Belt Victoria. L-Għasri huwa wieħed mill-postijiet lanqas abitati fil-gżejjer Maltin.

Il-kelma Għasri hija kelma li ġejja mil-lingwa semitika li tfisser 'għasar'. Il-kittieba antiki tkellmu fuq dan is-suġġett u jfissruha bil-kelma Ingliża '*to squeeze*' – x'aktarx l-għeneb jew iż-żebbuġ. L-Għasri, raħal ċkejken magħsur fuq art bejn l-għoljiet ta' Għammar, ta' Abram u tal-Kuljat. Il-popolazzjoni ta' l-Għasri hija bejn 330-380 ruħ. Minn kemm ilu li ġie mgħolli mad-dinjità ta' parroċċa (1921), il-popolazzjoni kienet l-aktar fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija – 508 persuna – u l-iżjed baxxa fis-sena 1981, bi 315-il ruħ. Lejn Wied il-Mielaħ kien hemm kappella ddedikata lil Assunta, imsejħa ta' Apap. Wara ġiet imsejħa tas-Ssmu. Salvatur ta' l-istess wied. Il-familja Apap ħalliet b'testment li fil-ġurnata tal-festa għandu jsir quddies, u jitqassam qamħ lill-



www.santandrijalija.com

foqra. Jagħmel tajjeb għal dan kien hemm xi flus imħollija minn kirjiet ta' xi raba'. Din il-kappella ġiet profonata fis-sena 1644. Ix-xulliel li minnu kienet mibnija din il-kappella għadu jidher fuq il-post sal-lum. Fl-istess post għad hemm ukoll mibnija daqs qasba ħajt tad-dobblu li hu maħsub li kienet parti tal-kappella, x'aktarx is-sagristija.

Il-kappella, bħal ma diġà aċċennajna, hija kkonsagrata u ddedikata lill-Ġisem Imqaddes tas-Sinjur Tagħna Ġesù Kristu. Allura l-festa titulari li tiġi ċċelebrata fir-raħal ta' l-Għasri hija dik ta' Korpus. Il-festa ta' *Corpus Domini* hija festa Ewkaristika mitluba minn Alla nnifsu permezz ta' xebba ta' sittax-il sena jisimha Ġuljana, novizza fil-monasteru ta' Corniglione, qrib il-Belt ta' Liege. Fis-sena 1246 l-Isqof ta' Liege, Robertu, ordna li festa partikolari tas-Sagrament tiġi miżmuma fid-djoċesi tiegħu kollha u li ghandha ssir pubblika u solenni. L-ewwel festa solenni ta' *Corpus Domini* saret mill-kanonki ta' San Martin ta' Leige. Dan kien fis-sena 1247. Fl-Għasri, il-festa ta' Korpus ilha ssir minn żmien immemorabbli. L-Għasrin għandhom ħjiel storiku li jeħodna lura fis-seklu XVI. L-ewwel festa titulari ta' Korpus saret fit-22 ta' Ġunju, 1916, l-ewwel festa wara l-konsagrazzjoni tal-knisja. Billi dik is-sena l-kwadru titulari ta' l-Aħħar Ċena, kapolavur ta' Lazzaro Pisani, kien għadu mhux mqiegħed f'postu, il-festa tas-sena 1916 wieħed jista' jsejħilha aktar bħala festa tad-dedikazzjoni tal-knisja milli l-festa titulari. Intant l-ewwel festa titulari saret sena wara, jiġifieri fis-7 ta' Ġunju, u kien tpoġġa l-kwadru titulari f'postu. Min dak iż-żmien sal-lum din il-festa baqgħet issir annwalment mingħajr interruzzjoni. Il-festa hija waħda ta' devozzjoni profonata mhux bħal festi tal-kumplament tal-gżira.

Il-Viċendarju Dun Karm Caruana (1911-1922) ried li l-festa ta' l-Għasri tintuża mill-poplu għad-devozzjoni u għal kult Ewkaristiku. Saħansitra lin-nisa kien ordnalhom biex għal Korpus jilbsu lbies skur, preferibbilment iswed u biex ma jiżżejnux b'dehebijiet. Riedhom ukoll b'għonnella. Lill-irġiel riedhom jilbsu iswed ukoll. Hekk kien isir, dawn kienu żminijiet oħra. Illum il-ġurnata fl-Għasri għad fadal nies li jiftakru sew kif kienet isir il-festa. Kienet isir mingħajr pompa żejda, bla tiżjin fit-toroq u bla sparar. Kien joħroġ standart wieħed tal-Fratellanza tas-Sagrament li kienet numeruża. X'aktarx li l-ewwel darba li beda jsir xi armar fit-toroq minn fejn tgħaddi l-purċissjoni kien fis-sena 1922. Il-Kappillan ta' dak iż-żmien, Dun Ġużepp Galea, talab li jinħariġlu permess biex ikun jista' jwaħħal arbli (antarjoli) f'xi toroq. Dan il-permess ingħatalu bil-firma tas-Sur Satariano għas-Supretendent tax-Xogħlijiet Pubbliċi. In-numru tal-permess kien N/173 tas-sena 1922.

Sas-sena 1961, il-festa esterna ta' l-Għasri, ħlief għall-purċissjoni, kienet biex ngħid hekk ineżistenti. Ma jfissirx li ma kienx hemm armar u ftit nar. Imma dawn kienu tant ftit li nqisuhom bħala insinifikanti. Il-kambjament fil-festa esterna sar fis-sena 1980. Twaqqaf kumitat ġdid u saret l-ewwel laqgħa, il-Ġimgħa 4 ta' Lulju 1980, taħt il-presidenza tal-Kappillan Dun Ġużepp Mintoff (1969-1992). Fost il-ħafna affarijiet siewja li saru, il-kumitat irnexxielu jaqta' x-xewqa kbira tal-poplu ta' l-Għasri, dik li jkollu statwa fil-purċissjoni tal-festa titulari. L-istatwa ġdida bdiet tintuża fil-purċissjoni fis-sena 1982. Mill-istatwi kollha li hemm fil-gżira ta' Għawdex, l-aħħar waħda li saret kienet dik ta' l-Għasri u bdiet tissejjaħ 'Kristu Ewkaristiku Salvatur'.

Ħafna nies mill-Għasri, il-kelma Kristu Ewkaristija qegħdin jinsewha u jirreferu għall-festa titulari bħala s-Salvatur ta' l-Għasri. Din l-istatwa kienet ilha biex isir snin kbar. Dejjem xi ntopp. F'okkażjoni minnhom kien jonqos biss l-approvazzjoni ta' l-awtoritajiet eklesjastiċi, però ma ngħatax. Ġiet il-festa titulari tas-sena 1980 u l-idea ta' statwa titulari reġgħet tfaċċat mill-ġdid bħal snin oħra, bid-differenza li din id-darba l-ftit xrar li kien għadu kemm tkebbes malajr qabad u sar ħuġġieġa. Ġustament meta l-Kappillan Dun Ġużepp Mintoff ikkonvinċa ruħu li dil-ħuġġieġa ma kinitx biss nar tat-tiben bħal snin oħra, dlonk beda bil-kuntatti meħtieġa biex jaqta' din ix-xewqa tal-poplu ta' l-Għasri. Il-kappillan ħaseb biex iwaqqaf kumitat biex flimkien miegħu jkomplu jindagaw biex din ix-xewqa ssir realtà. Fl-4 ta' Lulju 1980 saret l-ewwel laqgħa u ġie ssuġġerit li jsir referendum bejn in-nies tal-parroċċa għal dawk 'il fuq minn 18-il sena. Saru reġolamenti li ġew approvati minn Mons. Isqof Cauchi. Il-votazzjoni saret fl-14 ta' Lulju 1980. Il-parruċċani kellhom jirrispondu IVA jew LE għall-mistoqsija 'Int trid li ssir statwa għall-festa ta' Korpus?'



*L-istatwa titulari ta' Ġesù Salvatur li hija meqjuma b'tant għożża fil-parroċċa ta' l-Għasri. Differenza ta' kif aħna mdorrijin biha t-Trasfigurazzjoni.*



www.santandrijalija.com

| | |
|---|---|
| Voti mqassma: | 266 |
| Ivvutaw | 236 |
| Ivvutaw IVA | 193 |
| Ivvutaw LE | 42 |
| Invalidi | 1 |

L-istatwa ġiet kummissjonata lill-artist żagħżugħ Għawdxi Michael Camilleri Cauchi nhar is-17 ta' Ottubru, 1980. L-istatwa tlestiet u ġiet imbierka mill-Isqof Cauchi fid-19 ta' Settembru 1982. L-istatwa titulari turi lil Kristu wieqaf li jfisser Kristu rebbieħ, imqajjem mill-mewt, b'riġlejh jistrieħu fuq id-dinja u s-sħab bħala s-Salvatur tas-sema u ta' l-art. Insibu wkoll salib f'id Kristu. Taħt Kristu hemm anġlu jħaddan l-istola bl-għeneb u ż-żbul – naturalment iż-żewġ elementi bażiċi għas-sagrifiċċju tal-Quddiesa. B'dan l-ilbies l-artist ried ifisser l-umanità u d-divinità ta' Kristu.

Il-poplu ta' l-Għasri għoġbitu ferm l-istatwa tas-Salvatur, għalhekk għall-festa li kien imiss xtaq li jinkludi wkoll banda. L-Għasrin jagħmlu minn kollox biex il-festa tal-parroċċa tagħhom issir kif inhu xieraq, Kristu Ewkaristiku Salvatur, bir-ruħ u divinità li ħadd ma hawn aqwa minnhu; hekk jirraġunaw u hekk jemmnu l-Għasrin.



*Il-kwadru titulari li kien jinsab fil-kappella ta' Wied il-Mielaħ, illum jinsab f'post prominenti fis-sagristija tal-knisja ta' l-Għarb. Dan il-kwadru hu imprezzabbli u uniku għax imnaqqax fuq l-injam.*



*L-artal tas-Salvatur qiegħed f'post prominenti fuq l-artal maġġur tal-knisja kolleġġjata ta' l-Għarb. Wieħed jinnota x-xebħ li jeżisti bejn dan il-kwadru u l-kwadru titulari li hemm fil-knisja tagħna tas-Salvatur il-Qadim.*

Il-kwadru li kien hemm fil-knisja l-antika li kienet f'Wied il-Mielaħ għadu jeżisti u jinsab meqjum fis-sagristija tal-Kolleġġjata ta' Għarb. Fil-Kolleġġjata tal-Għarb hemm artal tat-Trasfigurazzjoni kif nafuha aħna, jixbaħ ħafna l-artal maġġur tas-Salvatur il-Qadim. Dan jinsab bi prominenza fejn l-artal maġġur. Il-parroċċa tal-Fontana kienet se tkun iddedikata lis-Salvatur, imma dan il-ħsieb ma seħħx u ġiet iddedikata lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. F'din il-knisja, fl-arzella tal-kor hemm pittura ta' Caruana Dingli li turi t-Trasfigurazzjoni.

Statwa tal-ġebel tas-Salvatur tinsab fuq iz-zuntier tal-knisja tal-Kappuċċini, int u sejjer Marsalforn, u proprjament fuq l-għolja ta' Marsalforn tinsab l-istatwa ta' Ġesù Salvatur li tiddomina l-bajja u l-wied. Hemm ukoll artal fil-Kolleġġjata tan-Nadur, però ma jurix lil Ġesù Trasfigurat. Fil-Bażilka tal-Lateran f'Ruma qed issir b'mod solenni il-festa tas-Salvatur, peress li l-bażilka hija ddedikata lis-Salvatur. Anki l-Bażilka ta' San Ġorġ ġewwa Għawdex qed tagħmel l-istess, għaliex hija affiljata mal-Lateran.

Naħseb din id-dawra li għamilna ma' Għawdex biex wieħed ikun jaf aktar dwar il-kultura ta' Ġesù Salvatur serviet ta' ġid u ta' informazzjoni għal dawk kollha li għandhom għal qalbhom dan il-misteru tant sabiħ tat-Trasfigurazzjoni.

Viva s-Salvatur kull fejn hu meqjum u kullimkien!



www.santandrijalija.com